Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Urġenti Numru 21

Data tal-laqgħa: 10 ta' Settembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.05 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

20.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 21.2 Skema Finanzjarja Numru 5/2020 – Xiri jew Kiri ta' Tiżjin tal-Milied 2020

21.2.1 Ġiet innutata Skema Finanzjarja 5/2020, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser jirrifondi sa massimu ta' €3,000 fuq xiri jew kiri ta' dawl u tiżjin għal żmien il-Milied 2020.

21.2.2 Is-SE ressqet tliet (3) kwotazzjonijiet biex jintrama dawl dekorattiv f'dawn it-toroq:

- Wied Ħal Balzan
- Triq il-Kbira (bejn Costa Coffee u Pjazza Bertu Fenech)
- Triq il-Kannizzata (bejn Triq Birbal u Triq Patri Ġużè' Delia)
- Triq San Franġisk (bejn Triq it-Tabib J Zammit u Triq Patri Ġużè' Delia)
- Vjal il-Bon Pastur (bejn Triq Birbal u Triq il-Ferrovija l-Qadima)
- Vjal Sir Michaelangelo Refalo (bejn Triq Birbal u Triq il-Ferrovija l-Qadima)
- Siġra tal-Milied fuq il-bankina fejn il-knisja
- Dwal mas-siġar ta' Triq il-Ferrovija l-Qadima

21.2.3 Il-Kunsill għandu *budget* ta' €2,500, flimkien mat-€3,000 li ser jiġi rifonduti minn din l-iskema u għalhekk kien hemm qbil li jsiru t-toroq kollha msemmija. Il-Kunsill approva l-irħas offerta ta' Noel Borg li tammonta għal €4,790 (VAT inkluż). Dan id-dawl ser jintrama għal żmien il-Milied għal perjodu ta' minn tal-inqas xahar.

21.2.4 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Kunsillier Mary Louise Briffa assentat ruħha mid-diskussjoni u mid-deċiżjoni peress li, wieħed mill-fornituri li bagħtu kwotazzjoni jiġi ħuha.

21.2.5 Il-Kunsill qabel li napplikaw għal din l-iskema sabiex niġu rifonduti parti mill-ispiża.

## 21.3 Tmiem tal-laqgħa

21.3.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.11pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2020.

IFFIRMATA

Nutar Ian Spiteri
Sindku

IFFIRMATA

Doriette Farrugia
Segretarju Eżekuttiv